# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**President**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 12 ta' Mejju, 2022.**

**Numru 15**

**Rikors numru 4/11/2 AL**

**Amanda Briffa f'isimha proprio u bħala kuratriċi ad litem ta' binha minuri Leonvic Fenech; u b'digriet tat-13 ta' Jannar, 2021, Leonvic Fenech assuma l-atti f'ismu proprju peress illi issa huwa maġġorenni**

**v.**

**Stephen Fenech**

**Il-Qorti:**

1. B'din is-sentenza l-Qorti ser tiddeċiedi l-appell tal-konvenut u appell inċidentali tal-atturi mis-sentenza tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) tas-26 ta' Ottubru, 2020, li biha l-konvenut ġie kkundannat iħallas €44,050

f'arretrati ta' manteniment u nofs l-ispejjeż tas-saħħa u edukazzjoni ta' iben il-partijiet għall-perjodu bejn Ottubru 2001 sa Mejju 2018.

2. Il-proċeduri nfetħu b'rikors maħluf preżentat fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fis-6 ta' Jannar, 2011, li bih l-attriċi *pro et noe* ppremettiet u talbet:

> *"1. Illi l-esponenti giet ammessa ghal beneficcju tal-ghajnuna legali (inkartament anness Dok A).*
>
> *2. Illi l-kontendenti huma l-genituri tal-minuri Leonvic Fenech li twieled fl-10 ta' Mejju 2000 (certifikat tat-twelid anness Dok B). Il-kontendenti m'humiex mizzewgin u ma jghixux flimkien.*
>
> *3. Illi b'sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti tat-28 ta' Jannar 2010 (anness mal-inkartament tal-ghajnuna legali Dok A) l-esponenti giet fdata l-kura u kustodja esklussiva tal-minuri Leonvic.*
>
> *4. Illi l-intimat qatt ma hallas manteniment ghal ibnu minuri fuq imsemmi u mhux qed ihallas ebda manteniment.*
>
> *5. Illi l-esponenti gja pprocediet bil-procedura ta' medjazzjoni li ma tat ebda frott u giet awtorizzata tipprocedi bl-istanti b'Digriet ta' din l-Onorabbli Qorti tad-9 ta' Novembru 2010 (Dok C).*
>
> *6. Illi l-esponenti ma tahdimx u m'ghandha ebda dhul, filwaqt li l-intimat jahdem bhala sprayer ghal rasu.*
>
> *7. Illi skond il-ligi l-intimat ghandu l-obbligu li jmantni skond il-mezzi tieghu lil ibnu minuri.*
>
> *8. Illi l-intimat ghadu sallum ma hallas jew ikkontribwixxa ebda manteniment ghall-istess minuri.*
>
> *9. Illi l-intimat interpellat biex ihallas jew jikkontribwixxi ghall-manteniment tal-minuri inklus l-arretrati tal-istess baqa inadempjenti.*
>
> *10. Illi ghalhekk kellu jigi ntavolat dan ir-rikors guramentat.*
>
> *Ghaldaqstant, ir-rikorrenti qeda, ghar-ragunijiet fuq imsemmija, bil-qima titlob illi din l-Onorabbli Qorti joghgboha, prevja kull dikjarazzjoni mehtiega w opportuna, illi:*

*1. Tiddikjara li l-intimat bhala missier il-minuri Leonvic ghandu l-obbligu li jmantni u jeduka l-istess minuri tieghu u dana b'effett mid-data tat-twelid tal-istess minuri.*

*2. Tillikwida, jekk ikun il-kaz bl-opera ta' periti nominandi, ammont ta' manteniment li ghandu jkum pagabbli mill-intimat lill-attrici bhala manteniment ghall-minuri Leonvic inkluz l-arretrati tal-istess mid-data tat-twelid tal-istess minuri filwaqt li TISTABILIXXI wkoll il-modalitajiet ta' kif ghandu jithallas il-manteniment u ta' kif ghandu jigi rivedut u awmentat.*

*3. Tordna u Tikkundanna lill-intimat sabiex ihallas lill-attrici dik is-somma ta' manteniment hekk likwidata fit-talba precedenti bil-modalitajiet u termini kif stabbiliti inkluzi wkoll l-arretrati tal-istess manteniment mid-data tat-twelid tal-minuri u TORDNA illi dan il-manteniment jigi mnaqqas direttament mill-paga ossia introjtu tal-intimat mill-impjieg/xoghol tieghu.*

*Bl-ispejjez kontra l-intimat li hi minn issa ngunt ghas-subizzjoni."*

3. Permezz ta' risposta maħlufa ppreżentata fis-16 ta' Marzu, 2011[1], il-konvenut wieġeb illi:

*"1. Illi l-ewwel talba tar-rikorrenti hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante li skond sentenza ta' l-Onorabbli Qorti (Sezzjoni tal-Familja) fl-ismijiet Amanda Briffa pro et noe vs Stephen Fenech (Cittazzjoni numru 20/05 NC) deciza fit-28 ta' Jannar 2010 (Dok B annes mar-rikors guramentat promotur) fuq talba tar-rikorrenti Amanda Briffa, l-esponent gie zvestit mill-jeddijiet kollha ta' setgha ta' genitur;*

*2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost it-talba tar-rikorrent ghal arretrati ta' manteniment mid-data tat-twelid tal-minuri Leonvic hija preskritta a tenur tal-artikolu 2156 (b) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u fil-mertu, l-esponent kien gie eskluz mill-hajja tal-minuri mir-rikorrenti wara li spiccat ir-relazzjoni tal-partijiet u cioe' meta l-minuri kien ghad kellu sena u nofs;*

*4. Illi l-unika azzjoni li ttentat ir-rikorrenti kienet li teskludi lil esponent mill-hajja ta' ibnu l-minuri, u f'ebda stadju qabel ma nbdew il-proceduri odjerna ipproponiet azzjoni sabiex titlob manteniment ghal minuri;*

[1] Fol. 23.

> *5. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-introjtu tal-esponent huwa limitat kif jista' jigi provat fit-trattazzjoni tal-kawza;*
>
> *6. Illi l-esponenti qed jopponi ghal ispejjez kollha ta' dawn il-proceduri.*
>
> *7. Salv eccezzjonijiet ulterjuri."*

4. B'sentenza tal-14 ta' Diċembru, 2017,[2] il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) iddeċidiet billi ċaħdet l-eċċezzjonijiet tal-konvenut, laqgħet it-talbiet attriċi u ordnat lill-konvenut: (i) iħallas lill-attriċi s-somma globali ta' €24,800 rappreżentanti arretrati ta' manteniment għat-tifel kif ukoll sehem il-konvenut mill-ispejjeż tas-saħħa u edukazzjoni u tal-attivitajiet extra kurrikulari tat-tifel, bl-imgħax dekorribbli mid-data tas-sentenza sal-pagament effettiv; u (ii) sabiex mid-data ta' dik is-sentenza 'l quddiem iħallas manteniment għal ibnu fis-somma ta' €300 fix-xahar li jiżdied skont l-għoli tal-ħajja, li jkopri wkoll l-ispejjeż għas-saħħa u l-edukazzjoni, sakemm jagħlaq l-eta` ta' tmintax-il sena f'kont bankarju tal-attriċi b'dan illi fl-eventwalita` li l-minuri jibqa' jistudja *full time*, l-istess manteniment għandu jibqa' jitħallas lilu sal-eta` ta' 23 sena jew sakemm itemm l-istudji tiegħu, liema eventwalita` tavvera ruħha l-ewwel, f'kont bankarju ndikat minnu. Bl-ispejjeż kontrih.

5. Il-konvenut appella minn dik is-sentenza u *inter alia* lmenta li ma kienx ingħata smiegħ xieraq peress li s-sentenza ngħatat meta kien

[2] Fol. 1.

għadu għaddej it-terminu mogħti lilu għall-preżentata tan-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu.[3]

6. Fis-seduta quddiem din il-Qorti tas-6 ta' Ġunju, 2019, il-partijiet qablu li jintlaqa' l-ewwel aggravju tal-appell bl-ispejjeż riżervati għall-ġudizzju finali. Konsegwentement din il-Qorti pprovdiet dwar dak l-appell billi ħassret is-sentenza appellata u bagħtet l-atti lura lill-ewwel Qorti sabiex jitkompla s-smigħ quddiemha, bl-ispejjeż kemm tal-ewwel grad kif ukoll tat-tieni grad riżervati għas-sentenza finali.

7. B'sentenza li ngħatat fis-26 ta' Ottubru, 2020, il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) diversament presjeduta ddeċidiet billi:

> *"... filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut, u tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel talba attrici peress illi iben il-partijiet sar maġġorenni fil-mori tal-kawza, tillikwida s-somma dovuta mill-konvenut bhala manteniment u sehemu mill-ispejjez edukattivi, medici u extra-kurrikurali ta' Leonvic Fenech ghas-snin bejn Ottubru 2001 u Mejju 2018 fis-somma komplessiva ta' erbgha u erbghin elf u hamsin ewro (€44,050), u tordna lill-konvenut ihallas is-somma hekk likwidata ta' erbgha u erbghin elf u hamsin ewro (€44,050) lill-attrici.*
>
> *L-ispejjez ta' dawn il-proceduri jithallsu kollha mill-konvenut."*

8. Iż-żewġ partijiet appellaw mis-sentenza surreferita. Il-konvenut ilmenta li: (i) it-talbiet attriċi huma parzjalment milquta bil-preskrizzjoni kwinkwennali; (ii) li l-Qorti aġixxiet *extra petita* u b'mod arbitrarju għall-aħħar meta tat deċiżjoni anke fuq affarijiet li kienu jmorru lil hinn mit-talbiet

[3] Fol. 440.

li kellha quddiemha; (iii) l-ammont likwidat f'arretrati huwa eċċessiv; (iv) huwa ġie preġudikat minħabba żball tal-Qorti; u (v) li l-ewwel Qorti m'eżaminatx bir-reqqa l-materjal probatorju fil-kumplessita` tiegħu. Min-naħa l-oħra, l-attriċi lmentat li l-Qorti ma qisitx iktar l-ewwel talba.

9. Għal dawk li huma fatti jirriżulta li:-

9.1. Iben il-partijiet twieled fl-10 ta' Mejju tas-sena 2000;[4]

9.2. Il-konvenut tneħħewlu l-jeddijiet kollha ta' setgħa ta' ġenitur b' sentenza mogħtija mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fit-28 ta' Jannar, 2010[5];

9.3. Fl-1 ta' Settembru, 2010, l-attrici ppreżentat ittra għall-medjazzjoni *ai termini* tar-regolament numru 4(1) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 12.20 li biha talbet li jinbdew proċeduri ta' medjazzjoni għal-likwidazzjoni tal-manteniment għat-tifel. Talbet ukoll l-awtorizazzjoni li tiftaħ kawża f'każ li ma jseħħx ftehim;[6]

9.4. Il-konvenut m'attendiex għas-seduti tal-medjazzjoni u l-attriċi ngħatat l-awtorizazzjoni sabiex tiftaħ kawża;[7]

---

[4] Fol. 13.
[5] Fol. 9 *et seq*.
[6] Fol. 15.
[7] Fol. 16.

9.5. Fis-6 ta' Jannar, 2011, l-attriċi fetħet il-kawża kemm f'isimha proprju kif ukoll f'isem binhom li dak iż-żmien kien għad għandu għaxar (10) snin. Talbet kemm manteniment għal binhom minuri, kif ukoll arretrati ta' manteniment mid-data tat-twelid tal-minuri sal-preżentata tal-kawża;

**Konsiderazzjonijiet.**

**A. L-Appell tal-konvenut.**

*L-ewwel aggravju – Dwar il-Preskrizzjoni.*

10. Il-konvenut argumenta li l-azzjoni hi preskritta ħlief għall-aħħar ħames snin mid-data li fiha l-attriċi fetħet il-kawża.

11. L-ewwel Qorti ċaħdet dik l-eċċezzjoni abbażi tal-konsiderazzjonijiet segwenti:

> *"Il-konvenut eccepixxa illi t-talba attrici ghall-arretrati ta' manteniment mid-data tat-twelid tal-minuri hija preskritta ai termini tal-artikolu 2156 (b) tal-Kodici Civili, u l-Qorti tqis illi jkun utli li tigi l-ewwel nett ezaminata din l-ecezzjoni. Dan l-artikolu jipprovdi illi "l-azzjonijiet ghall-hlas ta' pensjoni ghall-manteniment" jaqghu bi preskrizzjoni ta' hames snin.*
>
> *L-artikolu 2123 (b) jipprovdi illi l-preskrizzjoni ma timxix "bejn il-genitur u t-tifel **li hu taht is-setgha tal-genituri**." [enfazi ta' din il-Qorti]. Ghalhekk mid-data tat-twelid tal-minuri sad-data tas-sentenza permezz ta' liema l-konvenut gie zvestit mis-setgha ta' genitur, u cioe*

*t-28 ta' Jannar 2010 (fol. 9), l-ebda preskrizzjoni ma kienet dekoribbli fir-rigward tal-hlas tal-manteniment ta' iben il-partijiet. Imbaghad, mill-provi jirrizulta illi effettivament m'ghaddewx hames snin mid-data meta l-konvenut gie zvestit mis-setgha ta' genitur u d-data meta l-attrici bdiet il-proceduri necessarji sabiex titlob il-hlas tal-manteniment dovut mill-konvenut ghall-htigijiet ta' ibnu. Jirrizulta illi fl-1 ta' Settembru 2010, l-attrici intavolat ittra ghall-medjazzjoni ai termini tar-regolament numru 4 (1) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 12.20 permezz ta' liema talbet li jigu inizjati proceduri ta' medjazzjoni ghall-likwidazzjoni tal-manteniment dovut mill-konvenut ghal binhom (fol. 15). Il-Qorti taghraf illi skont ir-regolament numru 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 12.20:*

> ***"Meta persuna tkun meħtieġa taħt xi liġi tipproċedi quddiem xi qorti f'xi żmien partikolari, dawk il-proċeduri għandhom għall-finijiet ta' dawn il-proċeduri jitqiesu li jkunu hekk inbdew malli tiġi ppreżentata fir-reġistru tal-Qorti l-ittra msemmija fir-regolament 4(1)."***

*Ghalhekk, b'applikazzjoni ta' dan ir-regolament, il-preskrizzjoni li bdiet tiddekorri fit-28 ta' Jannar 2010 giet interrotta hekk kif giet intavolata l-ittra ta' medjazzjoni, u cioe fl-1 ta' Settembru 2010, u ghalhekk ferm qabel l-gheluq tal-hames snin ikkontemplati fl-artikolu 2123(b) tal-Kodici Civili. Ghaldaqstant huwa evidenti li din l-eccezzjoni hija nfondati u qed tigi michuda."*

12. Il-konvenut jibda billi jilmenta li l-Ewwel Qorti applikat erronjament l-artikoli tal-Liġi għaliex b'sentenza mogħtija fit-28 ta' Jannar, 2010, ibnu ma baqax taħt is-setgħa tiegħu bħala ġenitur u għalhekk, skontu, l-artikoli tal-liġi li jirrigwardaw l-preskrizzjoni bejn il-ġenituri u l-minuri ma japplikawx għalih. B'żieda ma' dan, isostni li l-Artikolu 2123(b) ma japplikax ukoll għaliex dak pretiż mill-attriċi, talli hi ħallset waħedha għal bżonnijiet tat-tifel, ikun dovut lilha u allura r-relazzjoni ġuridika mhijiex bejnu u ibnu, iżda bejnu u bejn l-attrici f'isimha proprju. F'dan il-kuntest għamel referenza għas-sentenza ***Christine Attard v. Avv. Anthony Cutajar et*** deċiża minn din il-Qorti fis-27 ta' Frar, 2015:

> *"Din il-Qorti tosserva li tassew li kif jghid l-artikolu fuq citat il-preskrizzjoni ma tghaddix bejn il-wild u l-genitur li ghandu s-setgha ta' genitur fuqu, izda dan ma japplikax ghall-kaz odjern, stante li dak pretiz mill-attrici, bhala manteniment arretrat, huwa fil-fatt hlas dovut lilha mill-konvenut, talli hi hallset waheda ghall-bzonnijiet tat-tifla. Fil-fatt dak li qed titlob l-attrici hija rifuzjoni ta' sehem il-konvenut mill-flus li harget hi sabiex taghmel tajjeb ghan-nuqqas tieghu. Ghalhekk ir-relazzjoni guridika issa mhijiex bejn il-konvenut u bintu, izda bejnu u bejn l-attrici f'isimha proprju."*

13. L-attriċi wieġbet illi mhuwiex kontestat illi l-Artikolu 2156(b) tal-Kodiċi Ċivili japplika għal talbiet għall-ħlas ta' arretrati ta' manteniment. Pero` ma taqbilx illi l-kawża li fetħet hi preskritta. F'dan is-sens, filwaqt li tinvoka l-Artikoli 2123(b)[8] u 2124(1)[9] tal-Kap.16, tirreferi għal dak deċiż fis-sentenza tal-ewwel istanza kif ukoll is-sentenza mogħtija mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) nhar l-14 ta' Diċembru, 2017 li, għalkemm annullata minħabba raġunijiet proċedurali, skontha kienet korretta fis-sustanza dwar il-kwistjoni tal-preskrizzjoni. Targumenta inoltre li, l-konvenut ma segwiex id-dispost tal-Artikolu 2160(1) tal-Kap.16, anzi rrikonoxxa l-obbligu li jmantni lil ibnu, u għalhekk, kwalsiasi perjodu preskrittiv *gratia argomenti* applikabbli ġie interrott. Finalment issostni li f'dan il-każ hija talbet manteniment għal iben il-partijiet u mhux manteniment għaliha personali u li ċ-ċirkostanzi tal-każ fl-ismijiet ***Christine Attard v. Avv. Anthony Cutajar et*** kienu differenti mill-każ in eżami.

---

[8] *'Il-preskrizzjoni ma timxix ... (b) bejn il-ġenitur u t-tifel li hu taħt is-setgħa tal-ġenituri'*
[9] *'Ħlief fil-każijiet imsemmijin mil-liġi, il-preskrizzjoni ma timxix kontra l-minuri u l-interdetti.'*

14. Bit-tieni eċċezzjoni l-konvenut qal li l-azzjoni hi preskritta skont l-Art. 2156(b) tal-Kodiċi Ċivili, u dan fir-rigward tal-arretrati ta' manteniment mid-data ta' twelid il-minuri.

15. Din il-Qorti hija tal-fehma li, għalkemm din il-kawża nfetħet mill-attriċi f'isimha proprju u f'isem iben il-partijiet, jibqa' l-fatt li l-arretrati tal-manteniment li ntalbu kienu bħala rifużjoni ta' sehem il-konvenut mill-flus li nefqet għat-trobbija ta' binhom. Applikat dak enunċjat fis-sentenza fl-ismijiet ***Christine Attard v. Avv. Anthony Cutajar et*** isegwi għalhekk illi rrispettivament mill-kontenzjoni dwar l-interpretazzjoni korretta tal-Artikolu 2123(b) tal-Kap.16, la dak l-artikolu u lanqas l-Artikolu 2124 tal-Kap. 16 ma japplikaw f'dan il-każ. Dan billi safejn jirrigwarda l-arretrati ta' manteniment sal-ġurnata li fetħet il-kawża, kwalsiasi ħlas kien ikun dovut lill-attriċi u mhux lit-tifel. Dan peress li sa dak iż-żmien kienet l-attriċi li qiegħda tmantni lit-tifel.

16. Limitatament għal din ir-raġuni, l-appellant għandu raġun jilmenta li l-ewwel Qorti applikat il-liġi ħażin. Għalhekk, safejn l-appellata tipprova ssib kenn f'dak deċiż fis-sentenza appellata jew addirittura fis-sentenza tal-14 ta' Diċembru, 2017, (li ġiet mħassra minn din il-Qorti fis-6 ta' Ġunju, 2019), l-argument tagħha jfalli.

17. Jitqies madanakollu li l-appellata tagħti żewġ raġunijiet oħra għalfejn l-azzjoni mhijiex preskritta fir-rigward tal-perjodu bejn id-data tat-twelid tat-tifel sakemm fetħet il-kawża. Dawn huma:

17.1. fl-ebda mument matul il-kawża ma ġie segwit mill-konvenut dak illi jistupla l-Artikolu 2160 (1) tal-Kodiċi Ċivili;

17.2. Illi l-konvenut ma jiċħadx, anzi jirrikonoxxi minn jeddu l-obbligu inerenti tiegħu illi jmantni lil ibnu illi fiż-żmien u kwalsiasi perjodu ġie ċertament ġie interrott.

18. Fir-rigward tal-Art 2160(1) tal-Kodiċi Ċivili, fis-sentenza **Manche v. Grech** tal-5 ta' Ottubru, 2018, din il-Qorti qalet:

> *"7. Qabel ma tqis l-aggravju mressaq fir-rikors tal-appell il-qorti sejra tqis aggravju ġdid imressaq mill-attur waqt is-smigħ tal-appell, viz. illi meta ressaq l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni l-konvenut ma tax il-ġurament li jrid l-art. 2160 tal-Kodiċi Ċivili.*
>
> 8. *Dan l-aggravju huwa ħażin. Il-ħtieġa li min iressaq eċċezzjoni ta' preskrizzjoni jagħti wkoll il-ġurament li jrid l-art. 2160 iddaħħlet bis-saħħa ta' emendi magħmula bl-art. 4 tal-Att I tal-2017 u bl-art. 8 tal-Att VIII tal-2017. Meta l-konvenut ressaq l-eċċezzjoni fit-tweġiba tiegħu ippreżentata fl-20 ta' Jannar 2012 din l-emenda ma kinitx fis-seħħ u għalhekk ma kienx hemm il-ħtieġa tal-ġurament. Huwa minnu li l- kawża għadha ma nqatgħetx, u illi liġijiet proċedurali japplikaw minnufih, ukoll għal kawżi li jkunu nbdew qabel ma tkun saret l-emenda għal-liġi proċedurali iżda jkunu għadhom pendenti, iżda dan ma jolqotx jeddijiet sostantivi ġà miksuba, bħal ma hu l-ħelsien minn dejn li jkun ġà nkiseb meta l-liġi l-ġdida tidħol fis-seħħ. Fil-każ tallum, jekk tassew l-azzjoni tal-attur kienet waqgħet bi preskrizzjoni meta tressqet l-eċċezzjoni relativa, l-eċċezzjoni ma tintlaqatx b'emendi li jsiru wara".*

19. Għall-każ in eżami japplika l-istess raġunament peress li l-emenda fl-2160(1) tal-Kodiċi Ċivili saret wara li l-konvenut kien diġa' ta l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni estintiva.

20. In subizzjoni l-konvenut xehed li fl-ewwel sena mit-twelid tat-tifel kien iħallas il-manteniment; *"Wara ma ħallast xejn"*.[10] Dakinhar ma qalx li mhuwiex debitur. Qal li kien reġa' beda jħallas waqt din il-kawża meta l-ewwel Qorti ordnat il-ħlas ta' manteniment *pendente lite*. Imbagħad fis-seduta tal-14 ta' Diċembru, 2017, xehed in kontro-eżami li:

> *"Dr W. Cuschieri – u inti llum il-gurnata d-dubju li giek li t-tifel mhux tiegħek bħala missier tirrikonoxxi li t-tifel għandek tmantnih ?*
>
> *S.F. – hekk hu.*
>
> *Dr W. Cuschieri – Ara hux ngħid sew li inti d-dubju jekk it-tifel hux tiegħek ġiek meta wara li l-klijenta tiegħi fetħet din il-kawża.*
>
> *S.F – meta rajtha ma' raġel ieħor"*.

21. Meta l-konvenut wieġeb li jirrikonoxxi li għandu jmantni lil ibnu, m'eskludiex xi perjodu partikolari. Saħansitra fir-rikors tal-appell argumenta li l-manteniment li likwidat l-ewwel Qorti hu eżaġerat (ara tielet aggravju). Veru li qal li dak l-argument kien *'mingħajr preġudizzju għas-suespost'*, madankollu jibqa' l-fatt li qiegħed jikkontesta l-ammont kollu ta' manteniment li llikwidat l-ewwel Qorti. Aggravju li mhuwiex kompatibbli mal-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni.

[10] Fol. 111.

22. Għaldaqstant, tiċħad l-ewwel aggravju.

*It-tieni aggravju – Dwar l-allegazzjoni li s-sentenza appellata hija extra petita*

23. Permezz tat-tieni aggravju l-konvenut jilmenta illi l-ewwel Qorti ddeċidiet *extra petita* u b'mod arbitrarju meta fis-sentenza illikwidat is-somma ta' €8,500 f'arretrati ta' sehmu minn spejjeż ta' saħħa, edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari rappreżentanti €500 fis-sena għal sbatax-il sena sħaħ. Dan għaliex: (i) l-attriċi ma għamlet l-ebda talba espressa fir-rigward; (ii) dak pretiż fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha ma jirriżultax ippruvat; u (iii) l-ewwel Qorti llikwidat somma ogħla minn dik pretiża mill-appellata, ċioe` €5,000 rappreżentanti nofs l-allegati spejjeż ta' €10,000.

24. L-ewwel Qorti llikwidat is-somma ta' **€44,050** rappreżentanti:

i. <u>€25,700</u> - manteniment pagabbli għas-snin bejn Ottubru 2001 u Mejju 2010, u ċioe` sakemm it-tifel għalaq għaxar snin, fl-ammont ta' €250 fix-xahar, għal total ta' mija u tlett (103) xhur;

ii. €9,800 - għas-snin bejn Mejju 2010 u Mejju 2018 fl-ammont ta' €300 fix-xahar, għal total ta' sitta u disgħin (96) xahar (€28,800) li minnhom tnaqqas il-manteniment ta' €200 fix-xahar li l-konvenut kien diġa' qiegħed iħallas wara digriet li ngħata f'Ġunju 2011. Total ta' €19,000 (€200 x 95 xahar);

iii. €8,500 – (€500 fis-sena, għall-ispejjez edukattivi, mediċi u extra-kurrikurali għal perjodu ta' sbatax-il sena).

25. Dwar l-ispejjeż tal-edukazzjoni, mediċi u extra-kurrikulari, l-ewwel Qorti osservat:

> *"Il-Qorti rat illi minn Ottubru 2001 sakemm iben il-kontendenti ghalaq tmintax -il sena, il-konvenut qatt ma kkontribwixxa ghall-ispejjez edukattivi, medici u extra-kurrikurali tieghu. Wara li rat il-provi imressqa, il-Qorti tqis illi l-konvenut ghandu jhallas is-somma ta' hames mitt ewro (€500) fis-sena, versu dawn l-ispejjez u dan ghal perjodu ta' sbatax -il sena. Ghaldaqstant, l-ammont dovut mill-konvenut ghall-dawn l-ispejjez huwa ta' tmint elef u hames mitt ewro (**€8,500**)."*

26. Kif osservat l-attriċi, l-Artikolu 19 tal-Kodiċi Ċivili jipprovdi illi fil-manteniment jidħlu l-ikel, l-ilbies, is-saħħa u l-abitazzjoni b'dan illi fil-manteniment li għandu jingħata lill-ulied jidħlu wkoll l-ispejjeż meħtieġa għas-saħħa u għall-edukazzjoni tagħhom. Għalhekk l-ewwel parti tal-ilment hu bla bażi.

27. Dwar iż-żewġ ilmenti l-oħra jirriżulta li fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha l-attriċi ppretendiet is-segwenti:[11]

a. Is-somma ta' €29,347.92 (bir-rata ta' €232.92 kull erba' ġimgħat) bħala arretrati ta' manteniment minn meta l-minuri kellu sena u erba' xhur sa nhar l-14 ta' Ġunju, 2011, meta l-Qorti akkordat manteniment *pendente lite*;

b. €10,000 *arbitrio boni viri* għal-spejjeż ta' edukazzjoni u saħħa mid-data tat-twelid tat-tifel (10 ta' Mejju, 2000) sad-data li fetħet il-kawża (6 ta' Jannar, 2011). Dan b'referenza għall-paragrafu 21 *et seq*. tal-affidavit tal-attriċi fejn elenkat numru ta' spejjeż;

c. Manteniment ta' €275 kull erba' ġimgħat mid-data meta fetħet il-kawża (6 ta' Jannar, 2011) sad-data tas-sentenza, li minnhom jitnaqqas il-manteniment imħallas mill-konvenut skont id-digriet tal-14 ta' Ġunju, 2011, bir-rata ta' €200 fix-xahar; u

d. Manteniment bir-rata ta' €300 kull erba' ġimgħat mid-data tas-sentenza 'l quddiem.

[11] Fol. 423 *et seq*.

28. Għalhekk, bħala stat ta' fatt, l-attriċi talbet is-somma ta' €1,000 fis-sena għall-ispejjeż ta' edukazzjoni u saħħa tal-minuri <u>sakemm għalaq għaxar snin</u>. Il-Qorti fehmet li għas-snin ta' wara l-attriċi nkludiet dawn l-ispejjeż fil-kalkolu tal-manteniment li talbet ġialadarba ma talbitx xi somma oħra li tirreferi għall-ispejjeż relatati mas-saħħa, edukazzjoni u attivitajiet *extra kurrikulari.*

29. L-attriċi ma ppreżentatx riċevuti dwar spejjeż li għamlet fir-rigward tal-edukazzjoni, saħħa u attivitajiet extra-kurrikulari tat-tifel. Fl-affidavit semmiet spejjeż varji, qalet ukoll li l-konvenut xtara diversi oġġetti bħal *pram, puschair, highchair* u *playpen* meta twieled it-tifel. Il-konvenut xehed li sa sena u erba' xhur kien itiha wkoll Lm25 (ekwivalenti għal €58) fil-ġimgħa.[12] Somma li allura tkopri ħafna mill-ispejjeż li ssemmi l-attriċi f'paragrafu 24 tal-affidavit (ċioe` l-ispiża ta' €921 li jirreferu għax-xiri ta' ħrieqi, ħalib tat-trabi, gażażi u bjankerija relattivi għaż-żmien meta iben il-partijiet kien għadu tarbija). Għalhekk, għal dak il-perjodu l-ebda somma ulterjuri mhi dovuta.

30. Is-sentejn ta' wara sakemm it-tifel beda l-*kindergarten,* l-attriċi semmiet biss spiża ta' €360 fis-sena *childcare* (€30 fix-xahar).[13] Omm l-attriċi kkonfermat li t-tifel kien jattendi *childcare* bejn id-9:00a.m. u 12:00pm. Tenut kont tal-fatt li l-konvenut qatt ma ħa ħsieb lil ibnu, u allura

[12] Fol. 259 u 359.
[13] Fol. 258.

l-attriċi kellha tkampa waħedha, il-konvenut għandu jagħmel tajjeb għal dik l-ispiża. M'hemmx prova dwar il-perjodu li matulu t-tifel kien jattendi *childcare.* Il-Qorti qiegħda tibbaża l-kalkoli fuq perjodu ta' tnax-il xahar.

31. L-attriċi qalet li meta iben il-partijiet kien '*year 1*' (allura madwar 5 snin) kellu bżonn nuċċali u kienet tieħdu għand l-ispeċjalista kull sitt xhur u tħallsu €23. Qalet ukoll li biddlitlu għaxar nuċċalijiet li mill-anqas swewha €240 kull wieħed. Issemmi wkoll attivitajiet extra-kurrikulari bħal *scouts, football u* MUSEUM u r-rota. F'paragrafu 23 elenkat ukoll spejjeż oħra iżda in kontro-eżami xehdet li 't-*tablet ecc'* u r-rota xtrathom ommha.[14] Skont l-attriċi, meta fl-2013 għamlet l-affidavit, l-ispejjeż ta' edukazzjoni tat-tifel kienu €660 fis-sena.

32. Bażat fuq it-tagħrif li tat l-attriċi fl-affidavit il-Qorti tikkalkola fuq bażi ta' *arbitrio boni viri* li sakemm iben il-partijiet għalaq tliet (3) snin l-attriċi nefqet €360 *childcare,* meta kellu bejn 4 snin u 10 snin nefqet medja ta' €600 fis-sena spejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-edukazzjoni tat-tifel, ta' saħħa u attivitajiet *extra kurrikulari* (€600 x 7 snin) u meta l-minuri kellu bejn 5 sa 10 snin żdiedet ukoll spiża ta' madwar €300 fis-sena nuċċali/speċjalista (€300 x 6 snin). Dawn l-ispejjeż, ħlief dawk relattivi għaċ-*childcare* li għandu jħallashom il-konvenut waħdu, iridu jinqasmu bejn il-partijiet.

[14] Fol. 355.

33. Isegwi għalhekk li s-somma dovuta mill-konvenut bħala sehmu mill-ispejjeż li għamel għas-saħħa, edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari ta' binhom għall-perjodu qabel fetħet il-kawża, hi tliet elef mija u tmenin euro (€3,180), ċioe` nofs l-ispiża.

34. Għaldaqstant il-Qorti qed tilqa' dan l-aggravju limitatament kif fuq ingħad u b'hekk tnaqqas is-somma likwidata mill-ewwel Qorti għall-ispejjez edukattivi, mediċi u extra-kurrikurali mis-somma ta' €8,500 għal perjodu ta' sbatax-il sena għas-somma ta' tliet elef mija u tmenin euro (€3,180) għall-ispejjez edukattivi, mediċi u extra-kurrikurali għall-perjodu ta' għaxar snin.

*It-tielet aggravju – Dwar l-manteniment li llikwidat l-ewwel Qorti.*

35. Permezz tat-tielet aggravju il-konvenut jilmenta minn dik il-parti tas-sentenza appellata li llikwidat manteniment fis-somma ta' €25,700 għas-snin bejn Ottubru 2001 u Mejju 2010 u fis-somma ta' €9,800 għas-snin bejn Mejju 2010 u Mejju 2018.

36. Il-konsiderazzjonijiet tal-ewwel Qorti fir-rigward kienu s-segwenti:

> *"Il-Qorti rat illi iben il-partijiet illum il-gurnata huwa maġġorenni, u ghalhekk din il-Qorti trid tillikwida arretrati ta' manteniment, u dan ikkonsidrat illi ma tressqet l-ebda prova li iben il-partijiet qieghed jistudja fuq bazi full-time. Il-Qorti rat ukoll illi l-konvenut beda jhallas manteniment f'Mejju 2011 wara li gie ordnat permezz ta' digriet*

*pendente lite sabiex ihallas is-somma ta' €200 fix-xahar bhala manteniment ghall-minuri, ghalkemm jirrizulta illi l-konvenut qatt ma gie ordnat sabiex ihallas sehemu mill-ispejjez edukattivi, medici u extra-kurrikurali tal-minuri. Wara li rat il-provi imressqa mill-partijiet dwar il-mezzi taghhom u l-prospett prezentat mill-attrici dwar l-ispejjez li hija inkorriet ghat-trobbija tal-minuri, u wara li hadet ukoll in konsiderazzjoni l-fatt illi l-konvenut ma kellu l-ebda sehem fit-trobbija ta' ibnu, il-Qorti tqis illi l-manteniment pagabbli ghas-snin bejn Ottubru 2001 u Mejju 2010, u cioe sakemm it-tifel ghalaq ghaxar snin, ghandu jkun fl-ammont ta' €250 fix-xahar, ghal total ta' mija u tlett (103) xhur. B'hekk ghal dawk is-snin, l-ammont ta' manteniment dovut mill-konvenut huwa fl-ammont ta' hamsa u ghoxrin elf, seba' mija u hamsin ewro (**€25,750**).*

*Ikkonsidrat il-fatt illi l-htigijiet tal-wild komplew jikbru mieghu, u ikkonsidrat ukoll l-gholi tal-hajja, il-Qorti tqis illi l-manteniment li kellu jkun pagabbli mill-konvenut ghas-snin bejn Mejju 2010 u Mejju 2018 huwa fl-ammont ta' 300 fix-xahar, ghal total ta' sitta u disghin (96) xahar. Dan b'total ta' €28,800, li minnhom ghandhom jitnaqqsu il-manteniment ta' €200 fix-xahar li l-konvenut kien diga qieghed ihallas bis-sahha tad-digriet ta' din il-Qorti ta' Gunju 2011, u cioe s-somma totali ta' €19,000 (€200 x 95 xahar). Ghaldaqstant, is-somma dovut mill-konvenut ghal dan il-perjodu hija fl-ammont ta' disghat elf u tmien mitt ewro* ***(€9,800)**.*"

37. Il-konvenut jilmenta li l-ewwel Qorti llikwidat manteniment eċċessiv. Skontu s-somma ta' €250 fix-xahar għall-perjodu bejn Ottubru 2001 u Mejju 2010 u dik ta' €350 fix-xahar għall-perjodu bejn Mejju 2010 u Mejju 2018 jirrappreżentaw ir-rati ta' manteniment li kienu qed jingħataw meta ngħatat is-sentenza appellata fis-sena 2020 u mhux ċifri li kienu jiġu likwidati fis-snin mitluba mill-attriċi. Jikkwota sentenzi tal-2003 fejn il-manteniment likwidat kien ekwivalenti għal €116 fix-xahar, sentenza tal-2005 fejn il-manteniment kien ekwivalenti għal €163 fix-xahar u sentenzi tal-2015 fejn il-manteniment likwidat kien ta' €150 kull erba' ġimgħat / €200 fix-xahar.

38. L-attriċi targumenta iżda li skont ix-xhieda tal-konvenut hu kien jgħaddilha €232.92 kull erba' ġimgħat bħala manteniment għat-tifel għall-ewwel sena u erba' xhur, meta skontu kien diżokkupat, u allura f'dan il-każ is-somma likwidata mill-ewwel Qorti ma tirriżultax eċċessiva ladarba jirriżulta sussegwentement sab impieg u llum jaħdem għal rasu bħala *panel beater* u *sprayer.*

39. Il-Qorti tqis illi s-somma likwidata mill-ewwel Qorti, rappreżentanti €250 fix-xahar bejn Ottubru 2001 u Mejju 2010, hi eċċessiva. Fiż-żmien rilevanti l-attriċi stess qalet li l-konvenut ma kellux il-mezzi, tant li stenniet sa Jannar tal-2011 biex titolbu l-manteniment.[15] M'hemmx dubju għalhekk li l-manteniment bir-rata mensili ta' €250 jissupera l-medja tal-manteniment li f'ċirkostanzi simili kien jiġi akkordat mill-Qrati fiż-żmien in kwistjoni. Dan apparti l-fatt illi diġa' ġew likwidati b'mod separat l-ispejjeż relatati ma' saħħa, edukazzjoni u attivitajiet kurrikulari tal-minuri għall-istess perjodu.

40. Għalhekk il-Qorti tqis illi s-somma likwidata mill-ewwel Qorti, rappreżentanti €250 fix-xahar bejn bejn Ottubru 2001 u Mejju 2010, hi eċċessiva. Fiż-żmien pertinenti l-attriċi stess tgħid li l-konvenut ma kellux mezzi għaliex kien jirreġistra, tant li stenniet sa Jannar tal-2011 biex talbitu jħallas il-manteniment.[16] Għalhekk x'aktarx li manteniment ta' €250

[15] Fol. 354. *"Stennejt li Leonvic ikollu ħdax-il sena għax hu kien jirreġistra u ma setax imantnini la kien qed jirreġistra"*.
[16] Fol. 354.

hu iktar mill-medja tal-manteniment li f'ċirkostanzi simili kienet tiffissa l-Qorti fiż-żmien rilevanti. Dan apparti l-fatt li b'referenza għall-istess perjodu, diġa' ġew likwidati b'mod separat l-ispejjeż relatati ma' saħħa, edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari.

41. Għalhekk, il-manteniment pagabbli mill-konvenut għas-snin bejn Ottubru 2001 sa Mejju 2010 sakemm it-tifel għalaq għaxar snin qiegħed jiġi ridott għal €160 fix-xahar. Għalhekk fuq perjodu ta' 103 xhur hu dovut ħlas ta' <u>sittax-il elf erbgħa mija u tmenin euro (€16,480)</u>.

42. Għall-perjodu minn Mejju 2010 'l quddiem il-Qorti tqis li l-appellant kien jaħdem *self employed* bħala sprayer[17] u li skont ir-rendikont tat-taxxa għas-sena bażi 2010 għamel profitt ta' €7,018 dik is-sena.[18] Fl-2015 xehed ukoll l-*accountant* tiegħu u kkonferma li kien ilu jimla r-*returns* tat-taxxa tal-konvenut xi tlieta/erba' snin u skont l-informazzjoni li kien itih kellu dħul ta' madwar €9,000 fis-sena.[19] Meta xehed in kontro-eżami fl-2017 l-appellant qal li jdawwar €1,000 fix-xahar f'idu.[20] Somma li fil-fehma tal-Qorti hi konservattiva ħafna għal min jaħdem għal rasu f'dak ix-xogħol.

[17] Fol. 111.
[18] Fol. 92.
[19] Fol. 342.
[20] Fol. 375.

43. Min-naħa l-oħra l-Qorti tqis ukoll li fiż-żmien rilevanti t-tifel kien tfarfar u kien ikun l-iskola sa kmieni wara nofsinhar. Għalhekk żgur li ma setax kien ir-raġuni għalfejn l-attriċi ma marritx taħdem mill-inqas fuq bażi *part time*. Rilevanti wkoll li l-attriċi ma ressqitx provi dwar l-allegati spejjeż li tgħid li għamlet għat-tifel matul dak il-perjodu. Filwaqt li l-Qorti tista' tifhem li l-attriċi ma qagħditx iżżomm l-irċevuti li jirreferu għall-perjodu qabel il-kawża, matul il-kawża kellha tiżgura li tikkonserva dawk il-provi u tippreżentahom fl-istadju tal-provi tagħha.

44. Il-Qorti tikkonkludi għalhekk li manteniment fix-xahar ta' €250, li jinkludi fih l-ispejjeż ta' saħħa u edukazzjoni ta' iben il-partijiet dak iż-żmien minuri, hija adegwata. Bejn Mejju 2010 u Mejju 2018 (96 xahar) il-manteniment pagabbli mill-konvenut jammonta għalhekk għal €24,000. Minnhom iridu jitnaqqsu €19,000 (€200 x 95 xahar) li huwa diġa' ħallas bħala manteniment *pendente lite*. Għalhekk, fuq il-perjodu in kwistjoni fadallu jħallas bilanċ ta' €5,000.

45. Għalhekk il-Qorti tilqa' l-aggravju billi tnaqqas il-manteniment pagabbli lill-attriċi għall-perjodu ta' bejn Ottubru 2001 sa Mejju 2010 għal sittax-il elf erba' mija u tmenin Ewro (€16,480) u dak pagabbli lill-attriċi bejn Mejju 2010 u Mejju 2018 għal ħamest elef Ewro (€5,000).

*Ir-raba' aggravju – Dwar l-allegat żball.*

46. Permezz ta' dan l-aggravju l-appellant jirreferi għas-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-2017, li sussegwentement ġiet imħassra għal raġunijiet proċedurali, u jilmenta illi:

> *"Illi bir-rispett jigi sottomess illi huwa tassew inkoncepibbli kif il-Qorti tal-Familja fis-sena 2017 illikwidat l-ammont dovut mill-esponent ghall-Eur 24,800 wara li semghet il-kawza mill-bidu sal-ahhar hi; filwaqt li f'distanza ta' 3 snin (li taghhom ma jahti xejn l-esponenti), l-istess Qorti tal-Familja kif diversament preseduta, semplicement billi qaghdet fuq l-atti (u minghajr ma semghet ebda xhieda jew provi godda), ghaddiet biex illikwidat is-somma ta' Eur 44,050. L-esponent ma jistax ma jistaqsix, x'kien jigri li kieku l-kawza tieghu giet ri-assenjata lill-gudikant sedenti fil-Qorti tal-Familja iehor?*
>
> *Illi fil-fatt, ghal dan l-izball, l-esponent bata' qares doppjament, mhux biss ghax kif diga' intqal, it-Tieni Qorti illikwidat ammonti ezorbitanti, izda in oltre, jinghad li l-Imhallef Padovani Grima fis-sentenza taghha anke rrimarkat fuq il-fatt li l-Ewwel Qorti kif diversament preseduta kienet ordnat lill-esponent sabiex pendente lite b'effett mis-sena 2011 ihallas manteniment fis-somma ta' Eur 200 fix-xahar. Fil-fatt fis-sentenza taghha, l-Onor Padovani Grima tghid hekk: "Il-Qorti tqis li l-manteniment li kellu jkun pagabbli mill-konvenut ghas-snin bejn Mejju 2010 u Mejju 2018 huwa fl-ammont ta' Eur 300 fix-xahar [u mhux Eur 200 fix-xahar] u regghet ippenalizzatu, frankament, intortament.*
>
> *Illi bir-rispett jigi sottomess, illi minhabba zball tal-Ewwel Qorti, l-esponent gie penalizzat u fattwalment soffra pregudizzju kbir, li ser taffettwalu l-kumplament ta' hajtu."*

47. Is-sentenza tal-14 ta' Diċembru, 2017, ġiet imħassra u għalhekk wieħed ma jistax jibni argumenti fuq dak deċiż b'dik is-sentenza.

*Il-Ħames aggravju – Dwar l-apprezzament tal-provi.*

48. Il-konvenut jilmenta li l-ewwel Qorti naqset tqis sew il-provi billi fiċ-ċirkostanzi tal-każ: (i) l-obbligu tal-manteniment tat-tfal jaqa' fuq iż-żewġ

ġenituri; (ii) dsatax-il sena ilu wieħed ma kellux bżonn €500 fix-xahar biex irabbi wild u għaxar snin ilu ma kellux bżonn €600 fix-xahar; (iii) l-attriċi ma ressqet l-ebda prova li hija mhix kapaċi tiġġenera ntrojtu u wisq inqas ma spjegat għalfejn għażlet qatt ma taħdem minkejja li żgħira fl-eta; (iv) l-attriċi ma ressqet l-ebda prova dwar l-allegati spejjeż minnha nkorsi għall-minuri matul il-proċeduri odjerni, b'dan illi l-ewwel Qorti kienet obbligata tillikwida manteniment aktar konservattiv.

49. Dwar il-mertu il-Qorti diġa' għamlet il-konsiderazzjonijiet li kellha tagħmel u spjegat x'wassalha għad-deċiżjoni u m'għandhiex x'iżżid.

**B. L-Appell Inċidentali tal-attriċi.**

50. L-attriċi tilmenta illi l-ewwel talba kienet dikjaratorja ntiża sabiex jiġi stabbilit illi l-konvenut, bħala missier naturali ta' Leonvic Fenech, għandu l-obbligu li jmantnih. Talba li fuqha ġew formulati t-talbiet l-oħra. L-atturi jsostnu li l-ewwel Qorti ma kellhiex tastjeni milli tikkunsidra dik it-talba minkejja li t-tifel hu adult. Issemma wkoll li l-konvenut għandu obbligu li jmantni lit-tifel diment li kien għadu minuri.

51. Il-konvenut min-naħa l-oħra jikkontendi illi l-ewwel Qorti kienet korretta meta astjeniet milli tilqa' l-ewwel talba attriċi għaliex meta ngħatat

is-sentenza appellata iben il-partijiet la kien għadu minuri u lanqas jistudja b'dan illi lanqas ma kien jikkwalifika għall-manteniment skont il-liġi.

52. M'hemmx dubju li l-konvenut kellu obbligu li jmantni lil ibnu sakemm kien għadu minuri.

53. Meta l-attriċi fetħet il-kawża t-tifel kien għadu minuri u s-somma likwidata mill-ewwel Qorti kienet tirreferi għal dak il-perjodu. Għalhekk l-ewwel Qorti kellha tilqa' l-ewwel talba li taqra:

> *"1. Tiddikjara li l-intimat bħala missier il-minuri Leonvic għandu l-obbligu li jmantni u jeduka l-istess minuri tiegħu u dana b'effett mid-data tat-twelid tal-istess minuri"*.

Għal dawn il-motivi sa fejn kompatibbli ma' dak li ngħad hawn fuq:

1. Tiċħad l-aggravju tal-konvenut dwar il-preskrizzjoni.

2. Fil-mertu tilqa' l-appell tal-konvenut għar-raġunijiet mogħtija hawn fuq u tvarja s-sentenza appellata tas-26 ta' Ottubru, 2020, fis-sens li tħassarha fejn illikwidat u kkundannat lill-konvenut iħallas is-somma ta' erbgħa u erbgħin elf u ħamsin euro (€44,050) u minflok tillikwida u tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attriċi s-somma ta' erbgħa u għoxrin elf sitt mija u sittin ewro (€24,660) kif spjegat hawn fuq.

3. Tilqa' l-appell inċidentali tal-attriċi u tilqa' l-ewwel talba tar-rikors maħluf in kwantu tirreferi għall-perjodu meta t-tifel kien għadu taħt l-eta'. Salv u impreġudikat kwalsiasi dritt li għandu l-attur għall-perjodu ta' wara.

4. Għall-kumplament tikkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti.

L-ispejjeż tal-appell tal-konvenut jinqasmu nofs bin-nofs[21], b'dan li l-ispejjeż tal-appell inċidentali huma a karigu tal-konvenut.

| | | |
|---|---|---|
| Giannino Caruana Demajo<br>President | Tonio Mallia<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da

[21] It-talba fir-rikors tal-appell hi sabiex din il-qorti tħassar is-sentenza appellata u *"... tiċħad it-talbiet tal-attriċi, filwaqt li takkolji l-eċċezzjonijiet tal-appellant"*.